**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum **it-Tnejn, 27 ta' Mejju 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paula Ciantar)**

**vs**

**Lia D'Emanuele**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

Lia D'Emanuele ta' 16-il sena, bint Natasha (Natasha Dora) Khaled xebba D'Emanuele imwielda Pieta' nhar il-31 ta' Jannar 2001, residenti Konservatorju V. Bugeja, Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera, detentrici tal-karta tal-identita' 0071301L

Akkuzata talli:

Nhar is-7 ta' Dicembru 2017 u fil-gimghat ta' qabel, f'San Giljan u f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, kellha fil-pussess taghha jew ghamlet xi uzu minn xi dokument tal-identita' meta ma kienitx id-detentur tieghu jew l-agent fil-qadi ta' xi htiega tal-Att dwar il-Karta tal-Identita' u Dokumenti Ohra tal-Identita'

Art. 22(1), 24(2) tal-Kap. 258 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bil-procedura sommarja u rat li l-imputata iddikjarat li m'ghandhix oggezzjoni li l-kawza taghha tigi hekk trattata u deciza.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat li l-imputata fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2019 iddikjarat li qed tammetti l-imputazzjoni dedotta kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni taghha u senjatament li l-piena massima ghall-imputazzjoni dedotta kontra taghha kienet ta' erba' snin prigunerija u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputata tikkonsulta mal-avukat difensur taghha sabiex tara jekk tridx tirrevedi l-posizzjoni taghha. Meta regghet issejhet il-kawza, l-imputata ikkonfermat l-ammissjoni taghha.

Semghet ix-xhieda tas-social worker Graziella Agius.

Semghet trattazzjoni orali mill-partjiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Mill-provi migjuba, u mill-ammissjoni taghha stess, il-Qorti issib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni dedotta kontra taghha.

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-fedina penali tal-imputata hija wahda netta, u li hija kellha sittax (16)-il sena meta ikkommettiet dan ir-reat. Hija ikkoperat ukoll mill-ewwel mal-Pulizija.

Mix-xhieda ta' Graziella Agius, li hija s-social worker tal-imputata, jirrizulta li l-imputata ilha taht care order minn meta kellha 9 snin minhabba l-hajja instabbli tal-genituri taghha.

Fiz-zmien tar-reat hija kienet qieghda tghix f'istitut, u harbet minn hemm flimkien ma tfajla ohra biex imorru jiddevertu. Irrizulta li tfjala ohra habiba taghha li kienet ghalqet it-tmintax (18)-il sena tat il-karta tal-identita taghha lill-imputata biex izzommielha, u nsietha ghandha. L-imputata uzat din il-karta tal-identita sabiex tkun tista' tidhol fi *clubs* Paceville, kif ukoll biex tibbukkja lukanda.

Mix-xhieda tas-social worker jirrizulta li l-imputata assumiet ir-responsabbilita tal-agir kriminali taghha. Illum il-gurnata, ghalkemm telqet mill-istitut, u marret tghix ma missierha, qed tipprova tistabilizza hajjitha billi sabet impjieg fiss u ghandha relazzjoni stabbli ma' guvni.

Mix-xhieda tas-social worker jirrizulta wkoll li l-imputata hija matura bizzejjed biex tgharaf fejn zbaljat, u dejjem kienet lesta li tfittex parir.

Ghalhekk jidher li dan kien incident izolat, frott il-bluha taz-zghozija.

Certament li piena karcerarja, anke wahda sospiza, mhix idonea fic-cirkostanzi, ghax dak li ghandha bzonn l-imputata huwa persuna biex tkompli tiggwidha halli tkompli fit-triq stabbli li qabdet u ma tergax ixxellef duffrejgha mal-gustizzja. Ghalhekk, il-Qorti se tpoggi lill-imputata taht Ordni ta' Probation.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 22(1) u 24(2) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 18 u 37(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni dedotta kontriha, u bl'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lil hatja taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqha skond l-Ordni ta' Probation hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hatja bi kliem car jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk tonqas illi ssegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni tal-

Probation, hija tkun tista' tigi ikkundannata ghar-reat li ghalih giet maghmula din l-Ordni, u l-hatja esprimiet r-rieda taghha li tikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza, inkluz l-Ordni ta' Probation annessa maghha, tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**